**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM l-Erbgħa, 16 ta' Diċembru, 2015**

**Kawża Nru 23**

**Rik. Nru. 1094/11JRM**

Mario **DIFESA** u Josephine mart l-istess Mario Difesa

vs

Joseph **FABRI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-7 ta' Novembru, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi jitolbu li din il-Qorti (a) ssib illi l-

imħarrek naqas milli jħallas żewġ pagamenti wara xulxin dovuti minnu skond l-iskrittura tal-4 ta' Marzu 2011 u għaldaqstant iddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilu skond l-iskrittura; u (b) tikkundannah iħallashom is-somma ta' tletin elf euro (€30,000) bħala s-somma minnhom mislufa '*brevi manu*'. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax legali;
Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Novembru, 2011[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Jannar, 2012[2], li bih laqgħet it-talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tat-30 ta' Jannar, 2012, biex jassumi l-atti tal-kawża wkoll f'isem martu li mietet fil-mori tal-kawża;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-24 ta' Frar, 2012, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal illi (a) l-kawża saret fuq bażi ta' kawża falza għaliex huwa ħallas ammonti aktar minn dak mitlub, b'imgħaxijiet ogħla mill-ogħla rata mil-liġi kemm qabel u kif ukoll wara li saret il-kitba ta' bejniethom. Żied jgħid li (b) l-kunsens tiegħu kien simulat u li l-kitba saret bi ksur tal-artikoli tal-liġi li jirregolaw is-self u r-rati tal-imgħax;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-1 ta' Marzu, 2012[3] li bih l-għaref difensur tal-imħarrek irtira t-tieni eċċezzjoni tiegħu;

Rat in-noti mressqa mill-partijiet bix-xhieda tagħhom bil-mezz tal-affidavit u l-provi dokumentali mehmuża magħhom;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2013[4], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni għas-smigħ tal-11 ta' Ġunju, 2013;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-digrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[1] Pagg 6-7 tal-process
[2] Pag. 18 tal-process
[3] Pag. 24 tal-process
[4] Pag. 130 tal-process

***Ikkonsidrat***:

Illi din hija kawża għal ħlas ta' dejn mistqarr fi skrittura, li fih kien miftiehem il-mod u ż-żmien tal-ħlas tiegħu. L-attur irid li, minħabba li l-imħarrek (il-midjun tiegħu) naqas li jħallas kif miftiehem fil-ftehim, b'mod partikolari billi naqas milli jħallas b'kemm iġibu żewġ skadenzi miftehma, l-imħarrek iħallas id-dejn kollu li għad fadal għandu jitħallas f'daqqa minnufih bla terminu ta' żmien, flimkien mal-imgħax bir-rata miftehma fl-istess skrittura;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal illi t-talba hija falza peress illi huwa ħallas diversi ammonti tul iż-żmien lill-attur, b'interessi ogħla minn dak permess mill-liġi; illi l-kunsens tiegħu kien simulat, u li l-istess skrittura hija nulla u saret bi vjolazzjoni tal-artikoli tal-liġi li jirregolaw is-self u r-rati tal-imgħax. Illi fl-ewwel smigħ tal-każ, l-imħarrek irtira t-tieni eċċezzjoni tiegħu;

Illi bħala **fatti rilevanti illi joħorġu mill-atti** jirriżulta li l-attur kien jaf lill-imħarrek bħala mastrudaxxa tajjeb u li kellu bżonn jagħmel xi xogħol tal-injam f'appartamenti tiegħu li l-atturi kienu jikru. L-attur jgħid li kellu b'madwar sitt elef Lira Maltin (Lm 6,000) xogħol tal-injam x'jordna mingħand l-imħarrek[5];

Illi wara li l-attur kien ordna x-xogħol, l-imħarrek ħajru jisilfu somma ta' ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (Lm 25,000) biex ikun jista' jibni l-arja tal-istabiliment f'Albert Town, fil-Marsa, li fih l-imħarrek kien iwettaq is-sengħa tiegħu. L-attur aċċetta u fit-13 ta' Ottubru, 2006, saret kitba bejniethom[6] li biha l-imħarrek iddikjara li kien midjun lejn l-attur fis-somma ta' dsatax-il elf Lira Maltin (Lm 19,000)[7] b'rabta li jħallas dik is-somma lura lill-attur fi ħlasijiet ta' mitejn u ħamsin Lira (Lm250) fix-xahar u kull xahar, mingħajr imgħax. Jekk kemm-il darba l-imħarrek jiddekadi mill-hlas ta' tliet (3) pagamenti mhux neċessarjament konsekuttivi, kellu jibda jitħallas wkoll l-imgħax fuq il-bilanċ bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%). Bħala garanzija għall-ħlas lura u pagamenti fil-ħin, l-imħarrek rahan favur l-attur l-għodda u l-makkinarju tiegħu;

Illi sa ftit xhur wara li saret il-kitba l-imħarrek naqas li jwettaq ir-rabtiet skond il-ftehim milħuq ma' l-attur tant li ntbgħatu żewġ ittri interpellatorji[8] fejn intalab jirregola ruħu u mgħarraf li kien beda għaddej l-imgħax kif

---

[5] Dok. "MD" pag 27 tal-process
[6] Dok. "MD1" pagg. 29-30 tal-process
[7] Li jġibu € 44,258.10 fi flus tallum
[8] Dok. "MD2" u "MD3" pagg 31-32 tal-process

miftiehem ladarba waqa' lura fil-ħlas. Fi kliem l-attur, is-somma dovuta lejh bdiet tinqata' b'xogħol fl-injam u ħlas fi flus kontanti, għalkemm dan ta' l-aħħar ma kinux regolari[9];

Illi meta l-attur ra li kemm il-konsenja tax-xogħol ordnat u kif ukoll ir-rata tal-ħlasijiet marru lura, ltaqa' mal-imħarrek u flimkien raw x'kien fadal jitħallas. Sussegwentement fl-4 ta' Marzu, 2011[10], il-partijiet dehru quddiem in-Nutar Sam Abela fejn laħqu ftehim illi l-bilanċ dovut mill-imħarrek lill-attur b'self brevi manu kien fl-ammont ta' tletin elf euro (€30,000). Fuq din is-somma kien jiddekorri l-imgħax bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) u l-ammont kellu jitħallas lura lill-attur fuq medda ta' ħames snin, f'rati ndaqs ta' mitejn euro (€200) l-waħda fix-xahar. L-attur żamm id-dritt illi kemm-il darba l-imħarrek ikun moruż għal aktar minn żewġ pagamenti, l-attur jista' jitlob l-ammont kollu u l-imħarrek jitlef il-benefiċċju taż-żmien;

Illi n-Nutar spjega illi l-ftehim inkiteb minnu, iżda l-ammont dovut u msemmi fil-kitba kien miftiehem minn qabel mill-partijiet. Meta ġew quddiemu, il-partijiet ma dehrux miġġildin minn bejniethom iżda jiftakar lill-attur jgħid lill-imħarrek illi dan l-ammont ilu dovut u waslu biex jidħlu fuq dan il-ftehim biex isolvu dak li kien jidher nuqqas.[11] In kontro-eżami l-attur jikkonferma illi huwa sellef lill-imħarrek mingħajr ma kellu liċenzja, illi qatt ma ġie interrogat minn xi ħadd fuq użura u li lill-imħarrek qatt ma tah għall-ħlasijiet lura li sarulu[12];

Illi l-imħarrek, min-naħa tiegħu, jgħid illi huwa minnu illi ssellef flus mingħand l-attur iżda jgħid li lill-attur ħallsu lura mhux biss b'xogħol iżda bi flus kontanti wkoll[13], iżda żied jgħid li rċevuti m'għandux. Għalkemm fl-ewwel skrittura l-partijet ftehmu li ma kienx ser iżommlu mgħax, l-imħarrek jgħid illi l-attur kien fil-fatt jitolbu ħlas ta' interessi u kien spiċċa vittma ta' użura.[14] Huwa jispjega illi kien kostrett jidher fuq l-iskrittura tal-4 ta' Marzu 2011, iżda fil-fatt il-bilanc li kien baqagħlu jagħti lill-attur kien ta' għaxart elef Lira (Lm10,000), jiġifieri madwar tlieta u għoxrin elf euro (€23,000) fi flus tallum. L-imħarrek jgħid illi għalkemm l-attur qatt ma spjegalu kif wasal għaċ-ċifra ta' €30,000, huwa jispjega d-differenza bħala mgħaxijiet fuq is-somma. Dan għaliex, sadattant, huwa kien waqaf iħallas lura lill-attur peress illi ma kellux minn fejn jagħmel dan. L-imħarrek jikkonferma illi mis-somma ta' €30,000 huwa hallas biss €500[15].

[9] Dok. "MD1" pag. 27-28 tal-process
[10] Dok. "A" pagg. 4 – 5 tal-process
[11] Xiehda Nutar Sam Abela f'pag. 45 tal-process
[12] Xhieda tal-attur f'pagg. 110 – 111 tal-process
[13] Dok. "JF1", pag. 116 tal-process
[14] *ibid*
[15] Dok. "JF1", pagg. 116 – 117 tal-process

Fil-kontro-eżami l-imħarrek jikkonferma illi ħadd ma ġagħlu jidher fuq l-iskrittura quddiem in-Nutar Abela, u lin-Nutar ma qallu xejn fir-rigward tal-interessi għoljin illi l-attur kien qed jitolbu[16];

Illi l-atturi fetħu l-kawża fis-7 ta' Novembru, 2011, u dakinhar talbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-imħarrek, liema talba ntlaqgħet b'degriet tal-11 ta' Jannar, 2012[17]. Bis-saħħa tal-imsemmi mandat, l-atturi żammew lill-imħarrek milli jittrasferixxi l-istabiliment tiegħu f'Albert Town u sehem f'ġid ieħor f'Tas-Sliema u dan b'ħarsien tal-kreditu li huma qegħdin jitlobu l-ħlas tiegħu f'din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**konsiderazzjonjiet ta' xejra legali** marbutin mal-kawża, l-attur jorbot it-talbiet tiegħu mal-kunċett tat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien biex id-debitur iwettaq l-obbligazzjoni tiegħu. Fil-każ ta' llum, l-obbligazzjoni kienet tikkonsisti fi ħlas lura ta' dejn magħruf. Dan il-ħlas lura kellu jsir f'radd lura ta' somma fi flus. L-attur jgħid li seħħew ċirkostanzi li, minħabba fihom, l-imħarrek tilef il-benefiċċju li jibqa' jistenna sal-għeluq kollu taż-żmien li tah biex iroddlu lura kulma kien obbligat jagħtih;

Illi l-imħarrek, minn naħa tiegħu, jittanta jitfa' dubju fuq is-siwi tal-pretensjoni attriċi: huwa jgħid illi dak li l-attur qiegħed jippretendi mingħandu ma huwiex mistħoqq u li huwa ħallas ħafna aktar minn dak li l-attur innifsu jistqarr u li għalhekk is-somma mitluba mill-attur mhix dovuta. Fix-xhieda tiegħu, l-imħarrek jallega li s-somma mitluba mill-attur hija mtebba' biċ-ċirkostanza ta' kalkolu ta' mgħaxijiet li jaqbżu l-ogħla rata mħollija mil-liġi;

Illi l-ġrajja ta' dan il-każ trid titqies fil-qafas tar-regola li l-eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni sseħħ hekk kif il-parti tintrabat biha. L-għoti ta' żmien lid-debitur tal-obbligazzjoni huwa, għalhekk, eċċezzjoni għal dik ir-regola. Il-liġi ssemmi li jista' jsir qbil li l-obbligazzjoni titwettaq billi jingħata żmien[18]. Iżda ż-żmien mogħti ma jissospendix l-obbligazzjoni, imma jdewwem biss l-eżekuzzjoni tagħha[19], u sakemm ikun għaddej dak iż-żmien il-ħaġa li jmissha tingħata ma tistax tintalab qabel jagħlaq dak iż-żmien[20], li huwa benefiċċju meqjus mogħti favur id-debitur tal-istess obbligazzjoni[21]. Dan il-benefiċċju jista' jingħata suġġett għal kundizzjonijiet li, hekk kif iseħħu jew xi waħda minnhom, iż-żmien mogħti jintilef. Il-liġi taħseb ukoll għat-telfien ta' benefiċċju bħal dan meta d-

[16] Pagg. 126 – 127 tal-process
[17] Rik. Inib. 1558/11AE , f'paġġ. 33 – 7 tal-proċess
[18] Art. 1070(1) tal-Kap 16
[19] Art. 1071 tal-Kap 16
[20] Art. 1072 tal-Kap 16
[21] Art. 1073 tal-Kap 16

debitur ma jibqax solvibbli, jew iseħħ bdil fil-kundizzjoni tiegħu b'mod tali li jqiegħed fil-periklu l-ħlas tal-kreditu[22];

Illi minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tal-kawża, l-imħarrek sab ruħu f'diffikulta' biex iħallas lura dak li ssellef u kif ukoll li jwettaq dak li ntalab jagħmel. Ħareġ li l-attur interpellah għal darba darbtejn biex jirregola ruħu, u li saħansitra l-partijiet kellhom jidhru fuq żewġ skritturi biex jirregolaw dak li kien baqa' dovut lill-attur. Jirriżulta wkoll illi fl-iskrittura kien hemm ftehim speċifiku marbut mad-dekadenza min- naħa tal-imħarrek fil-hlas tar-rati li tista' twassal għat-telf tal-benefiċċju taż-żmien[23]. L-imħarrek jikkonferma illi mis-somma ta' €30,000 huwa ħallas biss ħames mitt euro (€500) għaliex ma kienx f'qagħda li jħallas aktar. L-imħarrek iżda jgħid illi hu sab ruħu f'din iċ-ċirkostanza minħabba l-aġir tal-attur meta kien qed jippretendi mingħandu ħlas ta' imgħax ogħla minn dak li tippermetti l-liġi;

Illi fuq din ix-xilja, il-Qorti tqis li għandha tagħmel konsiderazzjonijiet f'dan il-waqt. L-allegazzjoni qiegħed jagħmilha l-imħarrek u jaqa' fuqu d-dmir li jippruvaha;

Illi huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-ħlas ta' mgħax f'kuntratt huwa obbligazzjoni fih innifsu. Fil-mutwu, jieħu s-sura ta' obbligazzjoni aċċessorja għas-self innifsu tal-ħaġa funġibbli li sejra tintuża mid-debitur[24]. F'każ bħal dan, l-obbligu tal-ħlas tal-imgħax jista' jkun wieħed miftiehem minn qabel jew jista' jitnissel bis-saħħa tal-liġi;

Illi dwar imgħaxijiet f'każijiet ta' mutwu, l-liġi trid[25] li l-imgħax ma jaqbiżx ir-rata tat-tmienja fil-mija (8%), u kull rata miftehma ogħla minn hekk tiġi mnaqqsa sa dak l-ogħla limitu[26]. Il-liġi ma tgħidx li l-ebda mgħax ma jkun dovut jew li l-obbligazzjoni kollha ma tkunx tiswa;

Illi għal żmien twil, u minħabba kwestjonijiet ta' ordni pubbliku, tqies li jekk kemm-il darba jintwera li xi somma misselfa kienet mgħobbija bi ħlas ta' rata ta' mgħax li taqbeż l-ogħla rata ffissata mil-liġi, dik l-obbligazzjoni tkun assolutament ma tiswiex[27]. Dan jgħodd għall-obbligazzjoni marbuta mal-ħlas tal-imgħax, imma mhux ukoll għall-obbligazzjoni ewlenija tas-self innifsu, li <u>tista'</u> titħassar[28], bla ma jintilef l-obbligu li jintradd lura l-valur tal-ħaġa misselfa meqjus fiż-żmien ta' meta

[22] Art. 1079 tal-Kap 16
[23] Fuq dan il-punt ara P.A. **26.3.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Vella Muscat***, (Kollez. Vol: **XLI.ii.948**)
[24] Ara, Torrente <u>Manuale di Diritto Privato</u> (9[a] Ediz), par 228, paġġ. 390-1
[25] Art. 1852(1) tal-Kap 16
[26] Art. 1852(2) tal-Kap 16
[27] App. Ċiv. **7.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Peplow vs Galea*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.366)**
[28] Art. 1853 tal-Kap 16

s-self ikun sar. Dan minħabba n-natura aċċessorja tal-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax, li ssemmiet aktar qabel. Għalhekk, meta titqanqal il-kwestjoni tal-użura, wieħed irid jgħarbel sewwa jekk dak li jiġi allegat ikunx qiegħed jipprova jwaqqa' l-eżistenza tal-obbligazzjoni ewlenija għal kollox, jew jekk ikunx qiegħed jattakka biss dik aċċessorja[29];

Illi, minbarra dan, fil-każ fejn titqajjem kwestjoni ta' użura, huwa stabilit li l-obbligazzjoni hija illeċita għall-mutwant, għaliex il-ksur tad-divjet tal-liġi hu magħmul favurih u kontra l-interessi ta' min għandu jagħtih[30]. Madankollu, il-Qorti trid toqgħod b'seba' għajnejn li, min-naħa l-waħda, ma tħassarx ftehim li jmissu jibqa' fis-seħħ u, min-naħa l-oħra, ma żżommx ħaj ftehim milqut b'vizzju li l-liġi ma tagħtih l-ebda siwi[31];

Illi meta l-Qorti tqis il-provi li tressqu quddiemha miż-żewġ partijiet, issib li ma tistax toqgħod fuq ix-xilja tal-imħarrek dwar il-kwestjoni tal-imgħaxijiet mitluba. Fl-ewwel lok, meta saret l-ewwel kitba fl-2006, l-ftehim kien jeħles lill-imħarrek debitur mill-ħlas ta' kull imgħax, sakemm joqgħod għall-kundizzjoni tal-ħlas f'waqtu tar-rati miftehma. Fit-tieni lok, minkejja li jgħid li wettaq bosta ħlasijiet lill-attur, dan la qatt ingħata u lanqas talab li tingħatalu riċevuta. Fit-tielet lok, meta l-partijiet marru quddiem in-Nutar fl-2011, l-imħarrek mar bla ma kien imġiegħel u ma ta l-ebda ħjiel li dak li ntalab jiffirma ma kellux mis-sewwa jew li ma kienx, għallanqas, jaqbel miegħu. Mhux hekk biss, imma fir-raba' lok, wara li saret dik il-kitba, l-imħarrek ipprova jibda jħallas ir-rati hemm miftehma u ma wasalx. B'dan il-mod, fil-fehma tal-Qorti, kien l-imħarrek innifsu li illeġittima l-ftehim billi beda jesegwih;

Illi l-imħarrek jgħid ukoll illi l-attur ma kellux liċenzja għas-self. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi mhux kull self li jsir u li jiswa jrid isir minn persuna li tkun liċenzjata. L-attur jgħid illi huwa ma jsellifx u li s-self lill-imħarrek sar bi pjaċir minħabba l-ħbiberija u l-fiduċja li tnisslet bejniethom f'xi żmien, bi bdil ma' xogħol u bil-għan illi l-imħarrek iħaffiflu x-xogħol[32]. Ma ntweriex illi l-attur kien jislef b'negozju u lanqas illi l-imħarrek issellef għal negozju jew investiment. Li kieku kull self jew mutwu jeħtieġ li min jislef ikollu licenzja, id-disposizzjonijiet tat-Titolu XVII tal-Kodiċi Ċivili jinġiebu fix-xejn. F'dawn id-disposizzjonjiet ma tinstab l-ebda regola li tgħid li l-mutwant irid ikollu liċenzja biex isellef;

Illi dwar il-pożizzjoni legali tal-imħarrek kontra l-iskrittura ffirmata minnu, hawnhekk tiġi fuq quddiem ir-regola ewlenija fil-qasam proċedurali li trid

[29] Ara b'eżempju, P.A. PS **31.5.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***George Bonniċi et vs Silvio Naudi*** (mhix appellata)
[30] App. Ċiv. **4.3.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Lia vs Genovese et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.103**)
[31] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Farruġia vs Fedela Carabott***
[32] Pag. 110-111 tal-process

li ma tistax tinġieb prova kontra dak li huwa miktub. Ir-regola *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur* tfisser li prova b'dokument ma tistax titwaqqa' bi prova kontra dak li tgħid il-kitba, jekk mhux għal raġunijiet serji[33]. Kemm hu hekk, dwar tali regola huwa stabilit li (a) meta ftehim ikun inkorporat f'kitba, għandu jitqies li dak li l-partijiet riedu jiftehmu dwaru kien fil-fatt imniżżel f'dik il-kitba; (b) li l-provi orali huma ammissibbli biss biex jiċċaraw xi punti dubjużi tal-kitba; (ċ) li l-provi orali jistgħu jitressqu biex tiġi mfissra aħjar ir-rieda tal-kontraenti fuq il-kitba, l-iżjed jekk dak li nkiteb ikun tniżżel b'mod ambigwu jew biex jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju kompatibbli mal-istess kitba[34]; u (d) li r-regola tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti ma tkunx konvinta li fil-kitba jew kuntratt hemm żball jew tħalla barra xi patt għal raġuni speċjali[35]. Fl-aħħarnett, dwar dan il-punt, huwa stabilit ukoll li fejn in-negozju ġuridiku – f'dan il-każ, id-dikjarazzjoni ta' dejn aċċettat – ikun jirriżulta minn ftehim miktub, il-prova kuntrarja għandha toħroġ mill-istess kuntratt jew kitba, u l-Qorti m'għandhiex tirrikorri għal provi barranija mill-att li minnu jitnissel tali negozju ġuridiku[36];

Illi l-ebda ħaġa li qal l-imħarrek ma tasal fil-limiti tal-eċċezzjoni għar-regola hawn fuq imsemmija. Għalhekk, ma tgħodd l-ebda waħda mill-ħames ċirkostanzi li għadhom kemm issemmew biex il-Qorti taċċetta provi oħra li juru li l-iskrittura ffirmata mill-imħarrek fl-4 ta' Marzu, 2011, kienet ħaġ'oħra differenti minn dak li tghid;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li ma tistax tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imharrek, u illi seħħet tassew ċirkostanza li minħabba fiha l-imħarrek naqas bi ħtija tieghu li jwettaq f'waqthom ir-rabtiet tiegħu lejn l-attur u b'hekk tilef il-benefiċċju li jitlob iż-żmien biex iwettaqhom;

Dwar **kemm huwa l-ammont dovut lill-attur,** l-imħarrek jghid illi kien radd parti mid-dejn lura b'xogħol u anke bi flus, u li l-bilanċ li kien baqa' kien ta' tlieta u għoxrin elf euro (€23,000). L-attur jistqarr illi l-aħħar xogħol illi l-imħarrek għaddielu kienu t-tnejn u għoxrin (22) bieb tal-injam ordnati għall-appartamenti li l-atturi riedu jgħammru[37]. L-imħarrek, min-naħa tiegħu, jgħid illi ħallsu diversi drabi bi flus kontanti iżda l-attur qatt ma tah irċevuta. L-attur jikkonferma illi huwa ma kienx joħroġ irċevuta għall-ħlasijiet li kienu jsiru mill-imħarrek. L-imħarrek iressaq il-prova ta'

---

[33] Ara, per eżempju, App. Ċiv. 28.2.1997 fil-kawża fl-ismijiet ***Grech Sant noe vs Farruġia noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.394**); P.A. **11.5.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Privitera noe vs Galea noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.775**); App. Ċiv. **30.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit et*** (Kollez. Vol: **LI.i.61**) u App. Kumm. **28.10.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Lungaro Mifsud noe vs Polidano*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.267**)

[34] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***General Cleaners Co Ltd vs L-Avukat Ġenerali et***

[35] App. Ċiv. **6.6.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Cuschieri noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.221**) u l-għadd ta' riferenzi hemm imsemmija

[36] Ara P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Amante Caruana vs Saveria Bonniċi***

[37] Pag. 37 tal-process

ħlas lill-attur b'żewġ *cheques* fl-ammont ta' Lm500 il-wieħed, li jġibu id-data tat- 23 ta' Ottubru, 2004[38] u tal-24 ta' Ġunju 2005[39]. Il-Qorti tinnota li dawn iż-żewġ ħlasijiet imorru għal żmien qabel kienet saret l-ewwel kitba bejn il-partijiet. Fuq id-dokumenti prodotti u l-istqarrijiet kontrastanti illi saru mill-partijiet, il-Qorti ma tistax tasal biex tikkwantifika kemm effettivament tħallas mill-imħarrek qabel ma l-partijiet dehru fuq l-iskrittura tal-4 ta' Marzu 2011, u li għaldaqstant, anke għar-raġunijiet legali ġa msemmija, ikollha tistrieħ fuq is-somma mniżżla fuq l-iskrittura u maqbula bejn il-partijiet. L-Imħarrek jistqar illi minn dik is-somma huwa ħallas biss ħames mitt euro (€500). Kif sewwa jgħid l-għaref difensur tal-attur, dak il-ħlas kien imputat kontra l-imgħaxijiet li kienu laħqu nġemgħu fuq il-kapital[40]. Min-naħa l-oħra, ladarba tqajmet id-difiża tal-eċċezzjoni tal-ħlas ('*exceptio soluti*') kien jaqa' fuq l-imħarrek debitur li jipprova l-ħlasijiet imwettqa u li din il-prova tkun tajba biżżejjed biex il-Qorti tista' toqgħod fuqha kontra dak li tixhed il-kitba;

Illi mill-ġabra ta' konsiderazzjonijiet li saru u mill-provi mressqa, l-Qorti tasal għall-fehma li t-talbiet attriċi huma tajbin u mistħoqqa u sejrin jintlaqgħu filwaqt li l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek mhix sejra tintlaqa'. Minħabba li l-imħarrek irtira t-tieni eċċezzjoni ma hemmx għalfejn li l-Qorti tagħmel konsiderazzjonijiet oħrajn;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis it-tieni eċċezzjoni** ladarba l-imħarrek irtiraha;

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek għaliex ma hijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-imħarrek naqas minn żewġ pagamenti meta kienu dovuti skond l-iskrittura tal-4 ta' Marzu 2011 u għalhekk ġie li tilef il-benefiċċju tat-terminu mogħti skond l-istess skrittura;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attur is-somma ta' tletin elf euro (€30,0000) bħala self li sar lilu '*brevi manu*', flimkien mal-ispejjeż ta' l-ittri interpellatorji, u tal-mandat ta' inibizzjoni tas-7 ta' Novembru, 2011, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mis-7 ta' Novembru, 2011, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

[38] Dok. "JF2", pg 118 tal-process
[39] Dok. "JF3", pg. 119 tal-process
[40] Art. 1169(2) tal-Kap 16

**Tordna** li l-imħarrek iħallas ukoll **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**16 ta' Dicembru, 2015**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**16 ta' Dicembru, 2015**